# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 863/13MH**

**Illum 24 ta' Frar, 2017**

**Power Cut Ltd (C 12535)**

**vs**

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici** tas-6 ta' Settembru 2013 fejn gie premess:

**"Illi s-socjeta rikorrenti kienet taghti servizz ta' *minor civil engineering works* lis-socjeta intimata sa mis-sena 2007, a bazi ta' kuntratt bejn il-partijiet, liema kuntratt gie estiz a bazi ta' korrispondenza mibghuta mis-socjeta intimata*;***

**Illi fis-7 ta' Settembru tas-sena 2011 fuq malintiz bejn haddiema tas-socjeta intimata, s-socjeta rikorrenti giet ordnata li tissospendi s-servizzi taghha u dan minghajr ebda raguni valida, skond l-anness Dokument A;**

**Illi sussegwentement ghal dan l-akkadut, fis-16 ta' Settembru 2011, is-socjeta rikorrenti permezz ta' e mail mibghuta mis-socjeta intimata giet infurmata li s-sospensjoni kienet qieghda tigi mnehhija, u s-socjeta intimata setghet tkompli bix-xogholijiet, skond l-anness Dokument B;**

**Illi effettivament ghalkemm kien hemm trapass ta' zmien, is-socjeta rikorrenti ma inghatatx struzzjonijiet sabiex tipprocedi bix-xogholijiet, u dan ghalkemm interpellata diversi drabi;**

**Illi in vista ta' l-agir tas-socjeta intimata, is-socjeta rikorrenti sofriet danni;**

**Illi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-Ligi sabiex is-socjeta intimata tissospendi l-inkarigu tas-socjeta rikorrenti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors guramentat;**

**Illi l-esponenti jikkonferma li jaf il-fatti fuq imsemmija personalment;**

**Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;**

1. **Tiddikjara li s-sospensjoni dan parti ta' Go plc ta' l-inkarigu ta' Power Cut Limited ghal servizz ta'** ***minor civil engineering works*** **ma kienetx valida**
2. **Tiddikjara li bl-agir tas-socjeta Go plc, is-socjeta Power Cut Limited sofriet danni.**
3. **Tillikwida dawn id-danni anke bi-nomina ta' periti nominandi ghal dan l-iskop.**
4. **Tikkundanna lis-socjeta Go plc thallas lis-socjeta Power Cut Limited, id-danni hekk likwidati.**
5. **Tikkundanna lis-socjeta Go plc thallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata u b'riserva ghal kwalsijasi spejjez ulterjuri spettanti lis-socjeta rikorrenti kontra l-istess socjeta intimata, liema socjeta intimata hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni".**

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta GO p.l.c.** tas-17 t' Ottubru 2014[1] li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

**"Tesponi bir-rispett u l-Inginier Kelvin Camenzuli, fil-vesti tieghu ta' Chief Technical Officer tas-socjeta` esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:**

1. **Illi fl-ewwel lok ghal kjarezza kienet is-socjeta Maltacom p.l.c. illi dahlet f'kuntratt mas-socjeta Power Cut Limited. Illi x-xoghol kien jirrigwarda Minor Civil Engineering Works u kien jigi estiz a bazi ta' korrispondenza bejn il-partijiet.**

2. **Illi l-ahhar terminu kien jispicca f'Dicembru 2011, kif jidher mill-anness dokument immarkat GO 1.**

3. **Illi t-tender ma kinitx wahda eskluzziva ghall-Power Cut Limited, anzi kien hemm diversi kuntratturi ohra li setghu jinghataw xoghol ta' Minor Civil Engineering Works kontemporanjament mall-Power Cut Limited u dan kif jidher mit-tender document stess. (liema dokument ghandu jigi pprezentat mill-atrici skont digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' Settembr, 2013). Infatti klawsola 23.4 tat-tender taqra: "..............*under a perior contract, the Company is***

[1] Fol 10B et seq

***not obliged to actually contrct/buy the product or service offered by the successful Tenderer. Any quantities or values indiacted in the call for Tenders are purely indicative, and are not binding ont he company."***

4. **Illi mhuwiex minnu illi fis-7 ta' Settembru, 2011 fuq malintiz bejn haddiema tas-socjeta intimata, s-socjeta Power Cut Limited giet ordnata li tissospendi s-servizzi taghha u dan minghajr ebda raguni valida. Jekk wiehed jirrikorri lejn dok A ipprezentat mis-socjeta attrici, jinduna illi, permezz tal-Inginier Paul Montanaro, kienet il-GO p.l.c. stess illi ssospendiet ix-xogholijiet mall-Power Cut Limited u dan minhabba: *following morning's incident with one of my supervisors.* (u dan kif jidher mid-dokument anness mar-rikors promotur immarkat Dok A)**

5. **Ir-raguni primarja illi waslet sabiex fis-7 ta' Settembru, 2011 gew sospizi x-xogholijiet primarjametn kienet illi s-socjeta attrici kienet infurmata minn impregati taghha illi kienu gew aggrediti minn Joe Cachia (dirigent u azzjonarju tal-Power Cut Limited) meta huma tawh struzzjonijiet li hu ma qabilx maghhom. Fil-fatt f'dan ir-rigward ittiehdu passi kriminali kontra Joe Cachia (vide kwerela annessa mmarkata dok GO2) fenn dan instab hati li offenda lill-Patrick Mallia, wiehed mis-supervisors tal-kumpanija GO p.l.c. u kien sussegwentament immultat mill-Magistrat Edwina Grima fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25).**

6. **Illi sussegwentement ghal din l-ittra, intbahtet ittra mill-konsulent legali ta' Joe Cachia fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn gie ammess illi kien hemm mill-inqas *verbal incident.* (kopja tal-ittra annessa mmakrata dok GO3) Kien fuq dan il-kriterju illi l-kumpanija GO**

**iddecideiet illi suspension of works tigi mnehhija u dan sasbiex il-kwistjoni tigi risolta skont il-ligi.**

7. **Illi mhuwiex minnu illi mis-16 ta' Settembru, 2011 sa l-iskadenza tal-kuntratt jigifieri f'Dicembru 2011 l-attrici ma nghatatx xoghol iehor. Filfatt huw thalla ikompli u jispicca ix0-xoghol li huwa kien diga qieghed iwettaq.**

8. **Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta GO p.l.c. serghet ma tghadix xoghol iehor lill-kuntatturi u dan ghal diversi ragunijiet inter alias:**

- **ghaliex fl-ewwel lok ma kinitx obbligata li taghti xoghol bilfors (vide klawsola 23.4 tat-tender hawn fuq citata),**
- **fit-tieni istanza l-kumpanija GO p.l.c. kellha evidenza bizzejjed illi Joe Cachia kien qieghed jottempra ruhu mall-klawsoli tal-kuntratt senjatament ma' klawsola 13.5 tat-tender document li taqra: "*Contractor is to abide by the instructions issued to him by the Maltacom representative*" liema klawsola kienet a dirittura emfasizzata fi klawsola 23.8 tal-istess tender li taqra *'the contractor and his employees are to adhere to Maltacom's representative instructions'*.**
- **Fit-tieni istanza Joe Cachia ma kienx qieghed jottempora ruhu mall-klawsoli tal-kuntratt senjetament ma' klawsola 6.2 tat-tender document li taqra: *"The Contractor shall thoughout the execution and completion of the Works.......(a) have full regard for the safety of all persons entitled to be upon the Site....".* F'dan l-ahhar kaz kien Joe Cachia personali li aggredixxa lill-impjetati tal-GO p.l.c. liema stat ta' fatt kien iddikjarat kemm**

**fl-ittra tal-konsulent legali tieghu (fuq citata/dok immarkat Dok GO 3) kif ukoll fl-ezitu tal-kawza kriminali.**

9. **Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti jehtieghilha turi, qabel xejn, illi hija sofriet danni izda minhabba l-agir ta' Joe Cachia stess.**

10. **Illi jekk is-socjeta` rikorrenti sofriet xi danni, dan ma kienx bi htija tas-socjeta intimata;**

11. **Illi l-quantum tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` rikorrenti jehtieg li jigi ppruvat.**

12. **Illi s-socjeta intimata tissottometti umilment illi hija mxiet korrettament u ai terminii tal-ligi kif jista' jigi ppruvat;**

**B'riserva ta' kull eccezzjoni ohra skont il-ligi, wara li l-esponenti tigi notifikata skond il-ligi bl-atti kollha tal-kawsa u bid-dokumenti rikjesti mis-socjeta attrici skont id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' Settembru, 2013.**

**Ghaldaqstant, in ista tas-suespost, is-socjeta GO p.l.c., titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti".**

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta[2];

Rat illi s-socjeta' attrici naqset illi tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li nghatat terminu adegwat biex taghmel dan[3];

Rat illi la rapprezentat tas-socjeta' attrici u lanqas id-difensur tieghu ma dehru waqt is-seduta tas-26 t'Ottubru 2016 li kienet imhollija ghat-trattazzjoni finali[4];

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz tal-lum jitratta talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li s-socjeta' attrici tallega li sofriet b'rizultat tal-agir tas-socjeta' konvenuta. Dan wara li s-servizzi li hija kienet tirrendi lill-konvenuta a bazi ta' kuntratt gew sospizi mill-istess socjeta' konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u meta wara xi granet din is-sospensjoni giet imnehhija, xorta ebda xoghol iehor baqa' ma nghata lill-istess socjeta' attrici.

Minn naha taghha s-socjeta' konvenuta tirribatti illi hija ma kellha ebda kuntratt ta' xoghol esklussiv mas-socjeta' attrici, anzi kien hemm kuntratturi ohra li kontemporanjament kienu jirrendu l-istess servizz. Inoltre, s-sospensjoni temporanja tas-socjeta' attrici mill-ghoti tas-servizzi lill-konvenuta sehhet ghal

2 Fol 162 et seq
3 Fol 106 u digriet tas-26 ta' Ottubru 2016 a fol 167
4 Fol 166

raguni valida minhabba li wiehed mill-impjegati taghha safa aggredit minn dirigent tas-socjeta' attrici. F'kull kaz, hija ma kinitx obbligata li tghaddi xoghol iehor lis-socjeta' attrici u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet applikabbli tad-tender relattiv. Hija cahdet li kkawzat xi danni lis-socjeta' attrici, u jekk dan sehh, ma kienx bi htija taghha.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."* Kif inghad fil-kaz **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciz fit-12 ta` April 2007[5] -

*"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-*

[5] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – App Nru 503/02

*gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu."*

Mill-provi mressqa jirrizulta li fl-2007 is-socjeta' attrici Power Cut inghatat tender ghal *minor civil engineering works*, liema xoghol kien jinvolvi fost affarijiet ohra thaffir ta' trinek, bini ta' *manholes* u tfittix ta' cables li jkunu bil-hsara[6]. Dan il-ftehim bejn il-partijiet ghas-servizz imsemmi baqa' jigi estiz minn sena ghall-ohra permezz ta' emails[7]. L-ahhar estensjoni saret fl-2011 u skadiet fil-31 ta' Dicembru ta' dik l-istess sena[8].

**Joseph Cachia**, direttur tas-socjeta' attrici jghid li mill-2008 'il quddiem, is-socjeta' konvenuta bdiet iddahhal kuntratturi ohra jaghmlu dan l-istess xoghol u peress li lilu naqaslu x-xoghol u l-introjtu, naqqas ukoll xi haddiema li kellu mieghu[9]. In-nuqqas fl-introjtu minn dawn ix-xoghlijiet huwa wkoll rifless fl-elenku tal-hlasijiet li rceviet is-socjeta' attrici matul is-snin[10]. Ma hemm ebda lment li s-socjeta' attrici ma thallsitx tax-xoghol kollu li ghamlet.
Cachia ikompli jghid li matul is-snin li fih dan il-kuntratt gie mgedded bejn il-partijiet ma kienx hemm problemi bejniethom:

[6] Affidavit ta' Joseph Cachia a fol 47
[7] Fol 29-38
[8] Email a fol 15
[9] Fol 47
[10] Fol 39-45

*"Ghandi nghid li GO plc qatt ma gibduli l-attenzjoni li x-xoghol ta' Power Cut Limited kien xi xoghol inferjuri, u huma dejjem kienu sodisfatti bix-xoghol ta' Power Cut Limited*[11]*."*

Dan ghajr ghal incident wiehed li sehh fis-7 ta' Settembru 2011 bejn Joseph Cachia u wiehed mis-supervisors tal-GO, Patrick Mallia, fuq il-lant tax-xoghol. Hemm dizgwid bejn il-partijiet dwar id-dinamika ta' dan l-incident.

Cachia jghid li nhar is-6 ta' Settembru 2011 huwa kien inghata struzzjonijiet minghand Victor Busuttil, *foreman* mas-socjeta' konvenuta dwar xi xoghlijiet mehtiega gewwa Triq il-Gross, kantuniera ma' Triq ir-Rummien gewwa Wied il-Ghajn. L-ghada, Cachia mar fuq il-post flimkien mal-haddiema tieghu, u nbeda dan ix-xoghol. F'xi hin, Busuttil kien ukoll prezenti u ta xi struzzjonijiet ulterjuri. Aktar tard fl-istess gurnata, meta Cachia u Busuttil ma kinux ghadhom fuq il-lant tax-xoghol, Cachia rcieva telefonata minghand wiehed mill-impjegati tieghu li qallu li *foreman* iehor tas-socjeta' konvenuta, Patrick Mallia, kien acceda fuq il-post u qal lil dawn il-haddiema li x-xoghol mhux hekk kellu jsir u li dak li sar kien ghalxejn ghax minflok kellha tithaffer trinka. Meta Cachia mar fuq il-post huwa jghid li –

*"kellimt lil Patrick Mallia, fejn gbidtlu l-attenzjoni li jiena kelli struzzjonijiet minghand ta' fuqu sabiex isir ix-xoghol kif kien qieghed isir. Dan Mallia kien issuppervja u telaq minn fuq il-post*[12]*."*

Xehed ukoll **Victor Busuttil**[13] li kkonferma li fis-6 ta' Settembru 2011 huwa kien ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici biex taghmel xi xoghol relatat ma' *blockages* gewwa Wied il-Ghajn. Huwa qal li ghalkemm dan ix-xoghol is-soltu

---

[11] Affidavit Joseph Cachia a fol 47
[12] Affidavit ta' Joseph Cachia a fol 48
[13] Fol 58 et seq

kien jassenjah lill-kuntratturi l-*foreman* Patrick Mallia, li jigi tahtu, dan inzerta kien bil-*leave* f'dak il-perjodu u ghalhekk kien hu li ta l-ordnijiet lil Cachia ghan-nom tas-socjeta' attrici. Fis-7 ta' Settembru is-socjeta' attrici bdiet ix-xoghlijiet u dakinhar Mallia kien dahal lura ghax-xoghol. Lil Busuttil irrizultalu li Mallia kien waqqaf lil Cachia u ordnalu biex minflok jaghmel xoghol biex inehhi l-*blockage,* kellu jaghmel trinka gdida. Aktar tard matul il-gurnata huwa rcieva telefonata illi kien sehh incident fuq il-post tax-xoghol u ntalab imur jara x'gara izda kif wasal hemm ma sab lil hadd. Meta tkellem ma' Mallia dan qallu li Cachia kien refa jdejh fuqu izda huwa la ra griehi f'wiccu u lanqas f'idejh. Mallia wrieh ukoll certifikat mediku izda dan ma kienx isemmi li Mallia sofra xi griehi. Skont Busuttil, lil Mallia u Cachia dejjem jafhom bi *spark* bejniethom ghalkemm ma jafx ghalfejn.

Il-verzjoni ta' **Patrick Mallia** hija pjuttost diversa. Huwa jghid[14] li xahar qabel, fit-8 t'Awissu 2011 huwa kien ghadda *Works Request Form (WRF)*[15] lil Cachia bl-istruzzjonijiet ta' dak li kellu jsir fil-post in kwistjoni f'Wied il-Ghajn. Xahar wara, fis-7 ta' Settembru huwa gie nfurmat li s-socjeta' attrici kienet qeghda taghmel dan ix-xoghol u ghalhekk huwa mar fuq il-post biex jara x'qed isir. Huwa nnota li x-xoghol li kienu qed jaghmlu l-haddiema ta' Cachia ma kienx skont l-istruzzjonijiet moghtija fil-WRF u geghlhom jieqfu.

Huwa enfasizza li dak it-tip ta' x-xoghol kien jassenjah hu biss u li x-xoghol li kien jaqa' taht il-mansjoni ta' Victor Busuttil kien ta' natura differenti. Mallia jichad li f'dak il-perjodu kien bil-*leave* u esebixxa document relattivi f'dan ir-rigward[16].

[14] Xhieda a fol 94 et seq
[15] Dok PM 1 a fol 104
[16] Dok PM – fol 103

Malli l-haddiema tas-socjeta' attrici qalulu li huma kienu mxew skont dak li qalilhom Victor Busuttil, huwa cempel lil Busuttil minn fuq il-post. Mallia jkompli jghid li malli spjega lil Busuttil x'hemm fil-WRF, Busuttil stess qabel li x-xoghol kellu jsir skont il-WRF u wieghed lil Mallia li hu stess kien ser icempel lil Cachia biex jghidlu jimxi maghha. Sadanittant Mallia illarga minn hdejn il-haddiema lejn naha ohra ta' fejn kienu ntizi li jsiru xi xoghljiet u dak il-hin wasal Joseph Cachia fuq il-post. Mallia jkompli hekk –

*"...jiena kont qieghed wahdi dak il-hin, wasal is-sur Cachia hdejja beda joffendini b'ommi u qabadni minn ghonqi. Jien ksaht dak il-hin, ma stajtx niehu nifs...kif telaqni jien imterter kif kont ghidtlu li jien ha mmur naghmel rapport l-ghassa, ghamel minkbu hekk u kien ha jerga jaghtihieli b'hawnhekk imma ma tahielix. Shabi rawni x'hin mort hdejhom rawni mifxul, lanqas kont naf x'jien naghmel abjad karti kont u tlaqt naghmel rapport l-ghassa."*

Xehdu wkoll zewg haddiema tas-socjeta' konvenuta li dakinhar tal-incident kienu fuq il-lant tax-xoghol f'Wied il-Ghajn, **Andrew Caruana**[17] u **Louis Muscat**[18] izda t-tnejn li huma qalu li huma kienu 'l boghod u ma raw xejn minn dak li seta' sehh bejn Mallia u Cachia.

Andrew Caruana pero' jiftakar li *"dakinhar Patrick Mallia rajnih ghaddej minn hdejna bil-vann li kien qed isuq. Kien mghaggel, deher li hu konfuz. Waqaf hdejna qalilna "sejjer naghmel rapport." Ma qalilniex fuqiex se jaghmel ir-rapport*[19]*."* Caruana qal ukoll li huwa qatt ma kellu xi rapport fejn Cachia kien

[17] Fol 63 et seq
[18] Fol 72 et seq
[19] Fol 64

vjolenti ma' xi haddiem tal-GO plc[20]. Minn naha l-ohra huwa qatt ma sema' lil Mallia jitkellem kontra Cachia[21].

Louis Muscat qal li dakinhar tal-incident x'hin Patrick Mallia mar hdejhom kellu r-roghda fuqu u kien jidher imferfex filwaqt li tela fil-van u qalilhom li kien sejjer jaghamel rapport ghalkemm ma ndikalhomx ghal xiex. Peress li Mallia telaq mghaggel minn fuq il-post, Muscat jghid li ma kellux cans josserva jekk dan kellux griehi jew le[22].

B'rizultat ta' dan l-incident, dakinhar stess, Paul Montanaro, *Senior Manager* tas-socjeta' konvenuta baghat email lil Joseph Cachia li permezz taghha nfurmah li:

*"Following this morning's incident with one of my supervisors, please be informed that, with immediate effect, GO plc is suspending all works with Power Cut Ltd. This decision will remain in force until further notice[23]."*

Fit-13 ta' Settembru 2011, Joseph Cachia baghat ittra tramite l-konsulent legali tieghu lil Paul Montanaro[24] li fiha gie ritenut hekk:

*"May I reiterate that there was no physical incident with your supervisor as alleged, but only a verbal one, due to insufficiency and lack of direction on the part of GO employees, which inefficiency caused unnecessary work and money to Power Cut Ltd and its employees. One cannot have a situation where one GO supervisor directs one way and another differently, as happened on the 6th and 7th September when Mr Busuttil orders one kind of work and after it is done Mr*

[20] Fol 65
[21] Fol 65
[22] Fol 73
[23] Fol 4
[24] Fol 17

*Patrick Mallia directs employees to undo the work previously ordered, and use another method.*

*May I remind you that Power Cut Ltd have been giving good service to GO and previously Maltacom for the past fifteen years and never had any incidents. I therefore find it very unfair that on an allegation, which is very vehemently denied by Mr Cachia and on which I ask you to verify with all people on site, these long years of service by my client are terminated."*

Kif inhu koncess mis-socjeta' konvenuta stess[25], in vista tal-ammissjoni ta' Joseph Cachia li kien hemm mill-inqas incident verbali nhar is-7 ta' Settembru 2011, Paul Montanaro ghan-nom tas-socjeta' konvenuta baghat email ohra lil Joseph Cachia tas-socjeta' attrici datata 16 ta' Settembru 2011 fejn infurmah hekk:

*"Without Prejudice*
*Please be informed that suspension of works is being lifted. Kindly await further instructions to resume works[26]."*

Fit-28 ta' Settembru 2011 Patrick Mallia ipprezenta kwerela lill-Pulizija kontra Joseph Cachia fir-rigward tal-incident tas-7 ta' Settembru 2011[27]. Is-socjeta' konvenuta tkompli tghid – u dan mhuwhiex kontestat - illi ttiehdu proceduri kriminali kontra Cachia dwar dan l-istess incident quddiem il-Magistrat Edwina Grima fejn Cachia nstab hati u wehel multa ta' € 25[28].

**Ikkunsidrat:**

[25] Punt 6 tar-risposta guramentata a fol 11
[26] Fol 5
[27] Fol 16
[28] Punt 5 tar-risposta guramentata a fol 11

Huwa pjuttost car li l-incident li nqala fis-7 ta' Settembru 2011 skatta minn nuqqas ta' qbil bejn l-impjegati stess tas-socjeta' konvenuta meta dawn taw struzzjonijiet konfliggenti lil Cachia u l-haddiema tieghu li minn naha taghhom spiccaw inqabdu f'din il-kontroversja. Minn hemm jidher li s-sitwazzjoni eskalat tant li Joseph Cachia u Patrick Mallia tlewmu dwar dan. L-entita' ta' din it-tilwima hija kontestata, ghalkemm minhabba nuqqas ta' xhieda okulari huwa ferm difficli jigi stabbilit liema verzjoni, jekk hux ta' Cachia jew ta' Mallia hijiex dik veritjiera. Jirrizulta pero kif suriferit illi Cachia jaccetta li almenu bejnu u bejn Mallia inqala diverbju.

Li hu zgur izda huwa li l-incident tas-7 ta' Settembru 2011 jidher li tappan ir-relazzjoni ta' xoghol bejn il-partijiet.

Il-pretensjonijiet u t-talbiet tas-socjeta' attrici jirrigwardaw proprju l-effetti ta' dan l-incident, u cioe' s-sospensjoni temporanja tax-xoghol imposta fuqha u l-konsegwenzi li hija allegatament batiet minhabba li baqghet ma nghatat ebda xoghol iehor wara dak l-incident.

**L-ewwel talba tas-socjeta' attrici** tattakka l-validita' tas-sospensjoni ghax fil-fehma taghha din inghatat minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Ebda artikolu tal-ligi ma gie ndikat mis-socjeta' attrici ghal dan il-ghan.

Huwa pacifiku li din is-sospensjoni damet disat ijiem, mis-7 ta' Settembru sas-16 ta' Settembru 2011.

Mill-provi jirrizulta li malli s-socjeta' konvenuta giet infurmata bl-incident in kwistjoni bdiet taghmel il-verifiki taghha mal-impjegati nvoluti biex jigi stabbilit x'gara. Victor Busuttil jghid li dakinhar tal-incident gie mitlub mis-superjur tieghu Paul Montanaro sabiex imur fuq il-post u jaghmillu *statement*,

kif fil-fatt ghamel. Kien kellem anke lil Paul Mallia[29]. Andrew Caruana ukoll intalab jaghmel statement ghal Paul Montanaro dwar dak li kien jaf[30]. Louis Muscat isemmi li xi jumejn wara l-incident kienu baghtu ghalih l-ghassa fejn irrilaxxja statement lill-Pulizija[31]. Sussegwentement, fit-28 ta' Settembru 2011, ir-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta kitbet lill-Pulizija biex jibdew proceduri kriminali kontra Joe Cachia in konnessjoni ma' dan l-incident.

Il-Qorti tqis li l-agir tas-socjeta' konvenuta kien legittimu fic-cirkustanzi. Hija kellha dritt tinvestiga l-fatti u l-verzjonijiet tal-impjegati taghha biex tiskopri x'sehh dakinhar u biex tistrada l-passi li setghet tiehu fir-rigward, passi li eventwalment talbet lill-Pulizija biex tiehu fil-Qrati. Ma hemm lanqas ebda llegalita' li fil-kors ta' dawn l-indagni gie anke sospiz kwalunwke xoghol lis-socjeta' attrici. Jigi osservat ukoll li t-terminu ta' sospensjoni kien wiehed qasir u ragjonevoli u f'kull kaz il-Qorti ma tistax tara kif dan il-perjodu seta' rreka xi danni lis-socjeta' attrici, **liema danni baqghu *del resto* qatt ma gew identifikati u kwantifikati minn din is-socjeta', dan nonstante li l-istess socjeta attrici fin-nota taghha n segwitu ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta stqarret li kienet se tirredigi prospett ta' danni.**[32] Ghaldaqstant l-ewwel talba tal-atturi ma tistax tregi.

**It-tieni talba tas-socjeta' attrici** hija sabiex jigi dikjarat li bl-agir taghha s-socjeta' konvenuta ikkawzatilha danni. Fil-kors tal-provi hija tilmenta li wara li ntbaghtitilha l-email tas-16 ta' Settembru 2011 hija baqghet ma nghatat ebda xoghol iehor u s-sitwazzjoni baqghet qatt ma nbidlet. Fil-fehma taghha l-agir tas-socjeta' konvenuta tellfilha introjtu minghajr gustifikazzjoni[33]. Izda jerga'

[29] Fol 59 sa 61
[30] Fol 68
[31] Fol 75
[32] Paragrafu 2 fl-istess nota.
[33] Affidavit Joseph Cachia a fol 49

jigi enfasizzat ghal kull buon fini li s-socjeta' attrici ma tispecifikax x'inhu dan it-telf ta' ntrojtu u kemm *se mai* kienu d-danni subiti.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta ma tichadx li wara dan l-incident hija m'assenjatx aktar xoghol lis-socjeta' attrici[34] u ghalhekkk is-7 eccezzjoni taghha ser tigi michuda. Mill atti pero' ma rrizultax ta' min kienet id-decizjoni. Dan kollu ghal perjodu ta' **circa tlett xhur** sakemm skada l-kuntratt ghax kif inghad, il-ftehim bejn il-partijiet skada fil-31 ta' Dicembru 2011.

Apparti li fattwalment ma giex muri jekk f'dawk it-tlett xhur kinitx inqalghet il-htiega ta' xoghlijiet tan-natura li ghalihom kienu jitqabbdu s-socjeta' attrici jew kuntratturi ohra, legalment il-Qorti ma ssibx li s-socjeta' attrici kellha xi dritt naxxenti mill-ftehim in kwistjoni li a bazi tieghu setghet titlob xi danni jekk ma tinghatax xoghol. Anzi, u kif tirrikonoxxi s-socjeta' attrici stess, il-ftehim li hija kellha ma' dik konvenuta **ma kienx esklussiv**, b'dana li ghalhekk is-socjeta' attrici ma kellha ebda dritt tippretendi li tinghata xoghol, u s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda obbligu li taghtiha xi xoghol. **Dan irrispettivament mill-incident tas-7 ta' Settembru 2011 jew minghajru**.

Il-klawsola 23.14 tal-*Contract for Outsourcing Civil Engineering Works* li ghaliha kienet suggetta s-socjeta' attrici tghid hekk:

*"The tenderer agrees and understands that all Special and General Conditions attached with this Tender, and/or attached with any eventual acceptance thereof by the Company, are to be read and understood in the sense that,* ***under a period contract, the Company is not obliged to actually contract/buy the product or service offered by the successful Tenderer****. Any quantities or values*

[34] Xhieda ta' Patrick Mallia a fol 100

*indicated in the call for tenders are purely indicative, and are not binding on the Company."*

La s-socjeta' attrici kienet parti minn dan il-ftehim hija kienet accettat kull kundizzjoni tieghu u ma tistax issa tigi quddiem il-Qorti biex tipprova tmur kontra dak li hija stess kienet iffirmat ghalih.

Inghad fil-gudizzju moghti fil-5 ta' Ottubru, 1998, mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Beacon vs Spiteri Staines**:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata – pacta sunt servanda."*

Kif inghad fil-kaz **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et** deciz fil-25 ta' Frar 2011[35] –

*"Dan hu konformi mal-principju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom u allura darba ffirmaw il-kuntratt, **huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, anchorche` bazat fuq l-ekwita`**[36]. Il-principju tar-rispett ghall-volonta` tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu l-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta` taghha."*

[35] Qorti tal-Appell App. Nru 129/06
[36] Enfasi ta' din il-Qorti

Il-gurista **Ricci** ***f'Delle Obbligazzioni***[37] jghid dan dwar il-ftehim kuntrattwali u l-interpretazzjoni tieghu:

*"I contratti, non solo debbono essere eseguiti in buona fede, ma obbligano in oltre tutte le conseguenze che, secondo l`equita`, l`uzo o la legge, ne derivano, quantunque di tali conseguenze non si sia fatto cenno nella convenzione.* ***E cio` vuol dire che I contraenti non hanno bisogno di indicare, allocche` contraggono, le conseguenze derivanti dal contratto, presumendosi al riguardo che essi abbiano implicamente volute***[38]*, se il contrario non risulti dalla stilupata convenzione".*

Fil-fehma tal-Qorti, il-klawsola citata mill-ftehim twaqqa' l-kaz tas-socjeta' attrici ghal kwalunkwe danni ghax fir-realta' hi m'ghandha ebda bazi legali, ebda dritt naxxenti mill-kuntratt imsemmi li tinghata x-xoghol. U la ma ghandhiex dak id-dritt li tinghata x-xoghol lanqas ghandha dritt li tigi akkordata danni jekk ma tinghatax xoghol, hi x'inhi r-raguni. Id-diskrezzjoni tal-ghoti tax-xoghol tispetta lil min qieghed jassenjah, f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta. Jidher infatti li kien hemm ukoll ilmenti minn kuntratturi ohra dwar il-mod kif kien jitqassam ix-xoghol mis-socjeta' konvenuta ghax fi kliem Victor Busuttil "*Kienu jhossu illi mhux qed jitqassam b'mod ugwali"*[39], izda b'daqshekk ma jfissirx li s-socjeta' attrici jew xi kuntrattur iehor kellhom xi jedd li jippretendu xoghol jew certu kwantita ta' xoghol f'xi sena partikolari jew tul il-medda tal-ftehim. Ghal kull buon fini u f'kull kaz, dwar l-introjtu tas-socjeta' attrici, jigi nnutat li minn mindu dahlu fix-xena kuntratturi ohra (mis-sena 2008) sa meta skada l-ftehim mas-socjeta' konvenuta fl-2011, l-introjtu taghha jirrizulta li kien fl-istess akkwati[40]. Oltre hekk jirrizulta ukoll mid-dokumenti riferiti Dok JC2

[37] Vol VI para. 47 pagna 65.
[38] Enfasi ta' din il-Qorti.
[39] Xhieda ta' Victor Busuttil a fol 60-61
[40] Dan jirrizulta b'mod car mid-dokumenti minnha stess esebiti Dk JC2 folio 39, in partikolari l-qliegh minnha reklamat ghas-snin 2008 sa 2011 folios 41 sa 45.

illi s-socjeta' attrici thallset ghax-xoghol kollu minnha maghmul a favur u fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta sat-tmien ta' l-ingagg taghha[41].

Is-socjeta' konvenuta tirrikonoxxi wkoll li b'rizultat ta' dan l-incident ghazlet li ma ggeddidx il-kuntratt taghha mas-socjeta' attrici kif irrizulta mix-xhieda tal-Inginier Ronald Calleja ghan-nom tas-socjeta' konvenuta:

*"Dr Keith Grech: .....sa fejn taf int wara li kien inqala' dan il-famuz kaz il-kuntratt ma giex imgeded xiex? X'gara?*

*Xhud: Hu kellu sa Dicembru ta' 2011 u wara dik id-data jigifieri awtomatikament ma ergajniex tlabna s-servizzi tieghu[42]."*

Din kienet ghazla lis-socjeta' attrici fil-fatt setghet taghmel. Ghalkemm ma jirrizultax lanqas bhala fatt li s-socjeta' attrici ghamlet xi tentattiv biex tavvicina lis-socjeta' konvenuta bil-ghan li jiggedded il-ftehim.

F'kull kaz, il-Qorti ma ssibx kif dan il-fatt jista' jaghti lok ghal danni favur is-socjeta' attrici. Ma kien hemm ebda obbligu da parti tas-socjeta' konvenuta li hija ggedded il-ftehim taghha ma' xi hadd mill-kuntratturi. La l-kuntratt bejn il-partijiet odjerni spicca fil-31 ta' Dicembru 2011 u ma giex imgedded, ir-relazzjoni kontrattwali bejniethom giet fi tmiemha u s-socjeta' attrici ma ghandha dritt tippretendi xejn aktar, wisq inqas danni.

Minn kull aspett il-Qorti ghalhekk tqis li l-ilment tas-socjeta' attrici mhuwhiex gustifikat.

---

[41] Kif jirrizulta mill-istess dokumenti imsemmi a in partikolari ghas-snin 2011 u 2012 fol 44-45
[42] Fol 112

Fic-cirkustanzi ghalhekk, it-tielet, ir-raba’ u l-hames talba tas-socjeta’ attrici sejrin jigu michuda in kwantu jitrattaw talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni u spejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kaz billi:**

**1. Tichad is-seba’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta izda tilqa’ l-bqija tal-eccezzjonijiet;**

**2. Tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**John Muscat**

**Dep.Reg.**